**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 404/2016 AF**

**Avukat Dr. Tiziana Micallef bhala mandatrici specjali ta' Rita O'Hara detentrici ta' passaport Ingliz bin-numru 523637360,**

**John Vella detentur ta' passaport Awstraljan bin-numru 3064946165,**

**Mary Thompson detentrici tal-passaport Ingliz bin-numru 402940794 ilkoll ahwa u eredi tal-mejtin Salvatore Vella u Rosaria Vella neé Seisun;**

**Francesca Vella u wliedha Mary Grace sive Marion Vella, Lorraine Vella eredi tad-decujus Anthony Vella bin il-mejtin Salvatore Vella u Rosaria neé Seisun; u**

**Clotilde Josephine Vella detentrici tal-passaport Awstraljan bin-numru N9049128 eredi tal-mejjet Charles Vella bin il-mejtin Salvatore Vella u Rosaria neé Seisun**

**vs**

**Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**Dr. Christopher Chircop**

**P.L. Davina Sullivan ghal kull interess illi jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

In segwitu ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-tnax ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) fil-kawza fl-ismijiet Dr. Tiziana Micallef bhala mandatrici specjali ta' Rita O'Hara, John Vella, Mary Thompson ilkoll ahwa u eredi tal-mejtin Salvatore Vella u Rosaria Vella neé Seisun et vs. Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Charles Anthony Vella bin Charles Vella u Carol Jean Bryant u li b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2015, l-Avukat Dr. Christopher Chircop LL.D u l-P.L. Davina Sullivan gew mahtura Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Charles Anthony Vella bin Charles Vella u Carol Jean Bryant (Rikors Nru 1016/2015) [kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A'], l-intimat Registratur tal-Qorti hareg it-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji relattiva ghall-istess kawza.

Din it-taxxa inhadmet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016)u kopja taghha qed tigi annessa ma dan ir-rikors u mmarkata bhala Dok 'B'.

Il-mertu tal-kawza msemmija, kif jirrizulta mill-kopia tar-rikors tar-rikorrenti hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C' kien jikkonsisti fil-fatt illi r-rikorrenti sabu l-bejgh ta' proprjetà u kollha ftehmu dwar l-istess bejgh tant li dahlu f'konvenju salv ghall-intimat Charles Anthony Vella illi kien jghix l-Awstralja u nonostante diversi tentattivi sabiex jinstab dan baqa' ma nstabx. Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lill-Onorabbli Qorti tawtorizza li jsir il-bejgh skond it-termini tal-konvenju u tinnomina kuraturi deputati, sabiex jirrapprezentaw lil min mill-komproprjetarji jonqos milli jidher ghall-att finali.

Ir-rikorrent ma jaqbilx mal-kalkolu mahdum mill-intimat Registratur tal-Qorti tad-drittijiet relattivi ghall-kawza odjerna billi fil-fehma umli tar-rikorrent, il-metodu tal-kalkolu uzat ghall-intaxxar tad-drittijiet tal-kawza kien errorju u irregolari.

Dan ghaliex ir-Registratur tal-Qorti hadem it-taxxa u d-drittijiet relattivi daqs li kieku din kienet kawza rigwardanti divizjoni ta' propjetà fejn it-taxxa tinhadem u jinhareg dritt wiehed biss *ad valorem* fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-propjetà li ghandha tigi maqsum u dan independentement mill-ghadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors.

Izda r-Registratur tal-Qorti kellu jahdem it-taxxa u d-drittiiiet relattivi a tenur tal-Artikolu 12 tat-Tariffa E tal-iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi t-talba ma kinitx tirrigwarda divizjoni ta' propjetà izda kawza ai termini tal-artikolu 49SA tal-Kap 76 sabiex jigi awtorizzat il-bejgh tal-propjetà fil-qies tal-valur tal-ishma li kull kompropjetarju jkollu u sussegwentement jinhatar kuratur sabiex jirraprezenta lil min mill-kompropjetarji jonqos milli jidher quddiem in-Nutar ghal kuntratt.  L-Artikolu 12 jipprovdi:

*"12. Lill-kuraturi nominati biex jattendu ghall pubblikazzjoni ta' kuntratt f'isem nies assenti jew kontumaci ghall-attendenza u ghall-ezami tal-kuntratt, u lil kull persuna li bi dritt moghti lilha mill-Qorti skont l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234, minn €69.88 sa €582.34."*

L-intimat Avukat Christopher Chircop gie infurmat mir-rikorrenti illi t-taxxa kienet inhadmet erronjament u gie suggerit lilu illi jkellmu lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jikkoregi t-taxxa u permezz ta' nota fl-atti tal-kawza jiddikjaraw li t-taxxa giet mibdula bi qbil bejn il-partijiet stante li kienet inhademet erronjament, izda l-intimat Avukat Christopher Chircop irrifjuta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Thassar u tirrevoka t-taxxa mahruga mill-intimat Registratur tal-Qorti fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena kurrenti elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet Dr. Tiziana

Micallef bhala mandatrici specjali ta' Rita O'Hara, John Vella, Mary Thompson ilkoll ahwa u eredi tal-mejtin Salvatore Vella u Rosaria Vella neé Seisun et vs. Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Charles Anthony Vella bin Charles Vella u Carol Jean Bryant u li b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2075, l-Avukat Dr. Christopher Chircop LL.D u P.L. Davina Sullivan gew mahtura Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Charles Anthony Vella bin Charles Vella u Carol Jean Bryant (Rikors Nru: 1016/2015);

2. Tordna r-ritassa tal-kawza rikors numru 1016/2015 skond il-ligi b'ordni li l-intimat Registratur tal-Qorti jahdem id-drittijiet u l-ispejjez gudizzjarji relattivi mill-gdid;

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati illi minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-esponent kien lest li jirranga t-taxxa u fil-fatt kien gja minn qabel il-bidu ta’ dawn il-proceduri kkomunika mal-intimati però dawn opponew stante li t-taxxa kienet harget u ghaldaqstant tennew li ma setghetx tinbidel.

L-eccipjenti Registratur kellu kull dritt li jibdel it-taxxa stante li din kienet ghadha ma gietx reza ezekuttiva (ara sentenza Laferla et vs Scicluna et, Qorti tal-Appell, 29/5/1998) però l-esponent ried li jkun hemm *consensus*.

L-esponenti ma jaqbilx ma’ dak li qed tghid ir-rikorrenti li din il-kawza kellha tigi ntaxxata fuq l-artikolu 12 tat-Tariffa E tal-iskeda A tal-Kap. 12 ghaliex dan l-artikolu jissussisti meta kuratur jigi nominat biex jidher fuq kuntratt jew inkella biex jidher fuq trasferiment ta’ bastiment u mhux meta jkun kuratur li qed jipprezenta xi parti li tkun assenti fil-mori tal-kawza.

Din it-taxxa fil-fatt kellha tinhadem *ad valorem* skond l-artikolu 13, però fuq il-valur ta' dak is-sehem mill-proprjetà li kien qed itellef il-bejgh kif anke huwa spjegat ben car fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Gunju, 2015 f'kawza ta' ritassa bin-numru 139/06 fl-ismijiet Nicolina Debrincat et vs Sally Thomson et.

L-esponent joqghod ghal dak li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti, izda f'kull kaz m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura anke ghaliex kieku l-partijiet qaghdu fuq il-parir tieghu kienu jevitaw din il-procedura.

B'rizerva ghall-eccezjzonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament jigi eccepit illi l-esponenti kellhom jigu mharrka bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Charles Anthony Vella bin Charles Vella u Carol Jean Bryant li b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2015 l-intimati kienu gew mahtura sabiex jirraprezentaw lil l-istess Charles Anthony Vella u mhux personalment kif gara fil-kaz odjern!

Ghaldaqstant isegwi u jigi eccepit illi l-esponenti mhumiex il-legittimi kontraditturi u bhala stat ta' fatt l-esponenti kellhom biss jigu nnotifikati bil-proceduri odjerni.

Preliminarjament u minghajr pregodizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet ssusegwenti jigi eccepit illi personalment l-Avukat Dr. Tiziana Micallef m'ghandiex interess guridiku u ghaldaqstant ma setghetx tippromovi din l-azzjoni. Hija kellha tiehu l-guramant bhala mandatrici specjali u mhux f'isimha.

Dwar il-mertu, u minghajr pregadizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi l-premessi u t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox inkongruwi u inkompatibbli ma' xulxin, stante li filwaqt li r-rikorrenti jammettu li l-esponenti inhatru bhala kuraturi biex

jirrapprezentaw l-interessi tal-assenti fil-kawza, huma donnhom qed jippretendu illi l-esponenti ghandhom jithallsu biss id-drittijiet daqs li kieku sempliciment dehru fuq kuntratt.

Dan qed jinghad l-ghaliex l-Artikolu 12 tat-Tariffa E tal-iskeda A tal-Kapitolu 12 ikkwotat mir-rikorrenti jipprovdi ghad-drittijiet spettanti lill-kuraturi meta jidhru ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratti u/jew ghal kull persuna ohra li bi dritt moghti lilha mill-Qorti skont l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap 234 u ghalhekk ma setax jigi applikat ghall-kawza bin-numru 1016/2015AF, izda japplika biss ghad-drittijiet tal-kuntratt li l-esponenti ressqu fuqu propju nhar il-Gimgha, l-1 ta' Lulju 2016 u ghal-liema sal-lum lanqas ma thallsu.

B'zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati qeghdin jesebixxu fil-lista tad-dokumenti, diversi taxxi tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji ta' diversi kawzi li t-talbiet taghhom kienu l-istess bhal tal-attrici u cioè ilkoll kawzi ai terminu tal-artikoli 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema drittijiet tal-Avukat bhala Kuratur Deputat ilkoll jeccedu l-valur ta' €582.34c u dan ukoll juri kemm ir-rikorrenti huma zbaljati fil-premessi taghhom u fl-interpretazzjoni tal-ligi li qed jikkwotaw.

Finalment l-esponenti jopponu ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni, li certament m'ghandhomx jigu akkollati lilhom, u dan anke fid-dawl tal-fatt, li t-taxxa ufficjali li qed tigi attakkata, inharget mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2016 din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-korrezzjoni fir-rikors promotur u ċjoe li fejn hemm imniżżel '*Artikolu 12 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*' jiġi sostitwit bil-kliem '*Artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*'.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għal ritassa. Ir-rikorrenti qiegħda tattakka t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur intimat fil-kawża fl-ismijiet Avukat Dottor Tiziana Micallef noe et vs Avukat Dottor Christopher Chircop et noe tat-12 ta' April 2016, għaliex tikkontendi li r-Reġistratur intimat ikkalkulat it-taxxa u d-drittijiet relattivi tal-intimati l-oħra l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Charles Anthony Vella daqs li kieku l-kawża kienet waħda rigwardanti diviżjoni ta' proprjetà, fejn it-taxxa tinħadem u jinħareġ dritt wieħed *ad valorem* fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma, meta din kellha tinħadem skont l-artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.

Fil-każ Speranza Gatt et vs Avukat Dottor Albert Libreri et tat-18 ta' Frar 2010 intqal hekk dwar din ix-xorta ta' azzjoni:

> "*Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;*

*Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;*

*Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid."*

Ir-Reġistratur intimat wieġeb illi huwa lest li jikkoreġi t-taxxa in kwistjoni skont l-artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12. Madanakollu, huwa jikkontendi li l-intimati l-oħra l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan kienu opponew għal tali korrezzjoni. Għalhekk, huwa eċċepixxa wkoll illi m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Da parti tagħhom, l-intimati l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan ressqu eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu.

Preliminarjament, huma jeċċepixxu li kellhom jitħarrku bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Charles Anthony Vella u li f'isimhom personali m'humiex il-leġittimi kontradditturi għat-talbiet attriċi.

Din il-Qorti kkunsidrat illi l-artikolu 64 tal-Kap. 12 li jirregola l-kawża ta' ritassa jiddisponi biss illi r-rikors għandu jiġi notifikat lil dawk kollha li għandhom interess bid-dritt illi jintavolaw risposta. In kwantu li huwa r-Reġistratur intimat li jista' jiġi ordnat illi jikkalkula mill-ġdid it-taxxa in kwistjoni, din il-Qorti ssib illi l-intimati għandhom raġun jeċċepixxu li m'humiex il-leġittimi kontradditturi f'din il-kawża.

Il-Qorti xorta waħda sejra tqis ir-rimanenti eċċezzjonijiet tal-intimati l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan in kwantu li bħala persuni interessati huma intitolati li jressqu risposta a tenur tal-imsemmi artikolu 64 tal-Kap. 12.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, huma jeċċepixxu li l-Avukat Dottor Tiziana Micallef m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tintavola din il-kawża f'isimha personalment. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa ċar illi jidher li kien biss bi żvista li r-rikorrenti ma ddikjaratx espressament illi kienet qiegħda tressaq ir-rikors tagħha għan-nom tal-mandanti tagħha. B'żieda ma dan, l-artikolu 64 tal-Kap. 12 ma jispeċifikax illi kawża sabiex tiġi attakkata t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tista' ssir biss minn waħda mill-partijiet konċernati. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi respinta.

Fil-mertu, l-intimati jeċċepixxu li l-premessi u talbiet tar-rikorrenti huma għal kollox inkongruwi u inkompatibbli ma xulxin. Dan għaliex, fir-rikors promotur ir-rikorrenti kwotat l-artikolu 12 minflok l-artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.

Sabiex isostnu l-argument tagħhom, l-intimati eżebew diversi taxxi ta' diversi kawżi bbażati fuq l-artikolu 495A tal-Kap. 16 fejn kienu ġew maħtura mill-Qorti bħala kuratur deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimati assenti f'dawk il-kawżi, minn

fejn huma jikkontendu li jirriżulta li d-drittijiet tal-avukat bħala kuratur deputat dejjem jeċċedi l-valur ta' €582.34.

Minkejja li jirriżulta li l-intimati għandhom raġun f'din l-eċċezzjoni tagħhom, jidher li l-kwistjoni ġiet sorvolata meta l-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti tagħmel korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex il-kliem '*artikolu 12 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12*' jiġu sostitwiti bil-kliem '*artikolu 13 tat-Tariffa A tal-Iskeda E tal-Kap. 12*'.

Fil-mori tal-proċeduri xehdet l-Assistent Reġistratur Eunice Grech Fiorini li spjegat illi t-taxxa f'kawżi bbażati fuq l-artikolu 495A tinħadem mhux *ad valorem* skont il-valur tal-proprjeta fl-intier tagħha iżda skont il-valur ta' dik il-parti tal-proprjeta li tkun qiegħda ttellef il-bejgħ, u dan skont sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Nicolina Debrincat et vs Sally Thomson et tat-30 ta' Ottubru 2015 fejn il-Qorti waslet għas-segwenti konklużjoni:

> "*L-art. 495A tal-Kodiċi Ċivili, li taħtu saret il-kawża oriġinali, igħid illi l-qorti tista' "tawtorizza l-bejgħ" ta' proprjetà komuni minkejja n-nuqqas ta' kunsens ta' wħud mill-komproprjetarji. Dik l-awtorizzazzjoni iżda hija meħtieġa biss dwar is-sehem ta' dawk il-komproprjetarji li ma jkunux taw il-kunsens tagħhom, għax il-komproprjetarji li jridu jbigħu jistgħu dejjem ibigħu s-sehem mhux maqsum tagħhom mingħajr il-ħtieġa ta' ebda awtorizzazzjoni. Għalhekk, għalkemm il-motivazzjoni tal-ewwel qorti ma hijiex għalkollox konvinċenti, billi adducere inconvenientem non est solvere casum, madankollu din il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi t-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji għandha tinħadem biss fuq il-valur tal-kontestazzjoni.*"

L-Assistent Reġistratur tispjega wkoll illi r-Reġistratur kien irrikonoxxa li t-taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri kienet żbaljata tant illi ħa miżuri sabiex ilaqqa' lill-partijiet bl-għan li jintlaħaq ftehim u tiġi aġġustata t-taxxa.

Din il-Qorti ssib illi għaldaqstant, ir-rikorrenti għandha raġun tikkontendi li t-taxxa in kwistjoni hija żbaljata u għalhekk

għandha tiġi aġġustata skont ma ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena ċitata.

Finalment, il-Qorti tirrileva li minkejja li huwa minnu li r-Reġistratur kien aċċetta li t-taxxa ma kinitx tajba u riedet tiġi aġġustata, il-korrezzjoni baqgħet ma saritx tant illi kellha ssir din il-kawża. L-opposizzjoni tal-intimati l-oħra ma kienx ta' xkiel għar-Reġistratur sabiex jaġġusta l-imsemmija taxxa. Isegwi għalhekk illi l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandha tiġi miċħuda, b'dan illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa m'għandux ibati l-ispejjeż tal-intimati l-oħra.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan li huma m'humiex il-leġittimi kontraditturi fil-kawża odjerna u għaldaqstant tilliberahhom mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lir-Reġistratur intimat sabiex jikkalkula t-taxxa mill-ġdid b'dan illi għandha tigi kalkulata skont l-artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 u dan fuq is-sehem tal-assenti Charles Anthony Vella tal-proprjetà fl-intier tagħha.

Spejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mir-Reġistratur intimat b'dan illi l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG